31 ta' Mejju, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

John Muscat *versus* Joseph Cost Chretien

**Jattanza — Millantazzjoni — Rekwiżiti.**

*L-estremi neċessarji għall-ġudizzju ta' jattanza huma:— 1. Li l-millantazzjoni tkun tikkontjeni pretensjoni li l-eżerċizzju tagħha jkun għad irid jiġi; 2. Li ma tkunx determinata minn neċessità jew kawtela ġuridika; 3. Li l-pretensjoni jkollha l-karattru li tista' tiġi eżerċitata b'azzjoni ġudizzjarja; 4. U li l-millantazzjoni jkollha skop determinabbli speċifiku jew kapaċi li jiġi speċifikat, u li kwindi ma tkunx millantazzjoni ġenerika tad-drittijiet.*

*Fil-każ preżenti l-kwistjoni kienet dwar it-tieni element. Il-konvenut ħallas il-kreditu mitlub kontra tiegħu wara li kiteb lill-attur ittra fejn għamel riżerva għal ċerti drittijiet tiegħu. Gie ritenut illi dik ir-riżerva, fit-termini li saret, ma kienetx neċessarja biex tikkawtela d-drittijiet pretiżi mill-konvenut, għaliex sempliċi protesta u riżerva ġenerika fil-każ kienet biżżejjed; u għalhekk dik l-ittra giet ritenuta li kienet millantazzjoni li tagħti lok għall-ġudizzju tal-jattanza.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress li hu ħiet libsa għall-konvenut, li wara diversi interpellazzjonijiet il-konvenut ħallas il-

prezz tagħha, mhux biss taħt protesta, imma wkoll b'ħafna allegazzjonijiet dwar it-tjubija tal-manifattura, kif ukoll b'minaċċi illi 'l quddiem jipproċedi kontra tiegħu għar-restituzzjoni tas-somma mħalsa għax-xogħol u għall-ħlas tad-danni; u peress illi hu għandu interess illi jissalvagwardja r-riputazzjoni tiegħu; lill-konvenut jiġi prefiss terminu qasir u perentorju illi fih għandu jiddeduċi f'ġudizzju l-allegazzjonijiet tiegħu kif dedotti fl-ittra tal-5 ta' April 1948 (dok. A); u fil-każ illi jonqos, jiġi impost lilu, fuq dawk l-istess allegazzjonijiet, il-perpetwu silenzju. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-kwistjoni kollha tirraġġira ruħha dwar jekk l-ittra tal-konvenut li tinsab fl-attijiet tal-kawża, in risposta ta' l-ittra mibgħuta mill-attur per mezz ta' l-avukat tiegħu, annessa mad-dikjarazzjoni tal-konvenut, tikkostitwixxix jew le millantazzjoni ta' dritt. jew, kif isostni l-konvenut, konservazzjoni tad-drittijiet tiegħu u dokument determinat mir-raġunijiet ta' neċessità u kawtela ġuridika;

Illi huwa minnu li l-ġudizzju ta' jattanza huwa kontradittorju għad-dettami tad-dritt u tal-massima, speċjalment, li "invitus agere nemo cogitur"; l-għaliex in-norma hija li "actor in sua potestate habet quando utatur juri suo", b'mod li l-istess rimedju ma għandux ikun estiż; imma mill-banda l-oħra jingħad li dana l-ġudizzju, skond id-dritt komuni u l-iżvilupp li tawh il-prattiċi, huwa neċessarju għall-prevenzjonijiet ta' kwalunkwe diffamazzjoni bla kawża, b'esklużjoni ta' preżunzjoni ta' kalunnja, bl-iskop preċipwu "ad finiendos lites";

Tikkunsidra;

Illi l-liġijiet "Diffamari" u "Si contendat", li huma l-bażi ta' l-azzjoni "de quo dicimus", ġew estiżi mid-dutturi lil dawk kollha li jimmillantaw dritt kontra l-beni jew il-persuna ta' ħadd ieħor. Għas-suċċess fl-azzjoni "diffamari" hemm bżonn li jkun hemm il-prova tal-millantazzjoni u diffamazzjoni;

Tikkunsidra;

Illi l-estremi neċessarji għal dana l-ġudizzju huma :— 1. Li l-millantazzjoni tkun tikkontjeni pretensjoni li l-eżerċizzju

tagħha jkun irid għad jiġi; 2. Li ma tkunx determinata min-neċessità jew minn kawtela ġuridika; 3. Li l-pretensjoni jkollha l-karattru li tista' tiġi eżerċitata b'azzjoni ġudizzjarja; 4. u li l-millantazzjoni ikollha skop determinabili, speċifiku jew kapaċi li jiġi speċifikat, u li kwindi ma tkunx millantazzjoni ġenerika tad-drittijiet;

Illi jekk huwa minnu li fil-każ in diżamina l-konvenut jidher li jammetti l-ewwel, it-tielet u r-raba' estremi fuq imsemmija fl-ittra tiegħu, huwa però jeskludi t-tieni estrem fuq imsemmi, fis-sens li fil-każ tiegħu dik l-ittra u l-kontenut tagħha kienu determinati min-neċessità u minn kawtela ġuridika. Jingħad però illi r-riżerva li għamel il-konvenut fl-aħħar ta' l-ittra, wara l-elenkazzjoni tad-difetti hemm imsemmija, ma kienet xejn fiffattu neċessarja li ssir kif saret, u sempliċi riżerva tad-drittijiet tiegħu ġenerika, jew protesta fuq il-ħlas li kien sejjer jagħmel li ma kienetx tammonta għal millantazzjoni skond il-prattiċi, kienet, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, tkun kawtela ġuridika suffiċjenti. B'dana li ntqal dina l-Qorti ma hix qiegħdha tikkanonizza l-prinċipju li sempliċi riżerva u protesta, magħmula "pront de jure", fil-każi kollha ma tkunx millantazzjoni, għalkemm ġeneralment huwa hekk, l-għaliex "nihil dat nec ponit in esse"; l-għaliex l-istess (sempliċi riżerva) li tkun tivvanta drittijiet, u speċjalment b'mod speċifiku, u li tkun faċilment deduċibili in ġudizzju l-għaliex riferibili għal xi interess attwali, indubbjament tikkostitwixxi millantazzjoni. Seta' infatti l-konvenut mill-ewwel jiddepożita l-libsa fuq l-intima għall-ħlas li saret lilu, u jaġixxi kif huwa imminaċċja speċifikatament lill-attur li sejjer jagħmel, stranament, jingħad ukoll, wara li huwa kien qiegħed igħidlu li kien qiegħed jibgħatlu l-flus tal-ħlas pretiż — dak li juri mhux inneċessità ta' l-affermazzjoni tad-drittijiet tiegħu, iżda animu li kien kawżat mill-interpellazzjoni għall-ħlas, ċjoè mhux kawża li turi d-dritt tiegħu, imma li ma teskludix il-"praesumptionem calumniae", kif irid ikun hemm għall-eżerċizzju ta' dana r-rimedju;

Illi kwindi l-ittra tal-konvenut, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, tikkostitwixxi millantazzjoni u ma kienetx determinata min-neċessità jew ebda kawtela ġuridika;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi u tipprefiġġi lill-konvenut ħmistax-il ġurnata żmien sabiex jiddeduċi l-millantazzjoni tiegħu kontenuta fl-ittra "de quo agitur", salvo li jiddeċidi t-tieni parti tat-talba wara dak iż-żmien;

L-ispejjeż jibqgħu riżervati. Il-kawża tibqa' differita għas-16 ta' Ġunju 1948, fid-9 a.m.